Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 62

It- Tnejn, 16 ta' Ottubru 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.07am

**62.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

62.1.1 Is- SE infurma lil Kunsill li ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

62.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tasl- Wieħed u Sittin Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

62.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**62.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

62.3.1 Is- Sindku rriġgrazzja dawk kollha involuti kif ukoll ir-residenti tal-paċenzja li ħadu biex seta' jsir b'suċċess ġewwa l-Mdina l-laqgħa tal- Med 9 fejn kienu prezenti l-Prim Ministri minn disa' pajjizi ewropej.

62.3.2 Is- Sindku tkellem fir-rigward ta' l-Mdina Grand Prix 2023 li saret hawn ġo l-Mdina. Huwa qal li ma kienx kuntent bl-organizzaturi għaliex ftehim li kien hemm fis-seħħ biex il-parking tar-resident tkun protetta dan ma seħx u kellu jkun intervent tiegħu biex dan il-ftehim ġie mħares.Is-sena d-dieħla mhux ser inħallu li jiġu repetuti dawn in-nuqqasijiet.

62.3.3 Is- Sindku infurma lil Kunsill li x-xogħolijiet fuq il-faċċata tas-swar minn naħa ta' Greeks Gate għaddejjin b'ritmu mgħaġġel u jittama' li fil-gimgħat li ġejjn, dan jitlesta. Fl-istess ħin is-Sindku ħabbar li l-Gvern Ċentrali ser jibda' xi xogħolijiet ta' restawr fuq in-Niċċa tal-Madonna tal-Vitorja li tinsab Valletta road.

62.3.4 Is- Sindku infurma lil- Kunsill li x-xogħolijiet b'rabta mal-manutenzjoni tal-funtana fi Pjazza St. Agata tlestew.

62.3.5 Is- Sindku talab lis- SE biex jibgħat jgħaraf lil Heritage Malta li l-għalqa li tinsab fi triq l-Istazzjon li kienet ttieħdet minn idejn il-Kunsill mhux qed tkun magħluqa b'sigurta u għandha tittieħed azzjoni fl-immedjat.

62.3.6 Is- Sindku talab lis- SE jinfurma lir- Reġjun li wara talba li kienet saret zmien ilu ma' TM u Infratructure Malta biex jerġaw jagħmlu rikonessjoni tad-dawl tal-lampi taz-zebra crossing li tinsab fit- Telgħa tas- Saqqajja dan ix-xogħol baqa' ma sarx u l-Kunsill spiċċa jilgħab fin-nofs għax skond huma ħadd minnhom ma kien għamel xogħol ta' skonnettjar. Għaldaqstant għandna niktbu lir- Reġjun Punent biex jintervjeni.

62.3.7 Is- Sindku mfurma lil- Kunsill li f' Novembru ser isir xi filming ġewwa l-Mdina pero' l-ebda parkeġġ mhu ser jittieħed għad- detriment tar- residenti ħlief għal ġurnata waħda u biss fi Pjazza l- Arċisqof.

62.3.8 Is- Sindku talab lis- SE biex jordna ħames plakek ta' l-ismijiet tat- toroq mingħand Potterware Ltd peress li mkissrin u għal fatt li l-oħrajn ezistenti kienu saru minn din il-kumpanija u għandu jkun hemm viswalment kontinwita.

**62.4 Kwotazzjonijiet Dawl Dekorattiv tal-Milied MLC CFQ 01/2023- Aġġudikazzjoni**

62.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-unika offerta li ntefgħet fuq kwotazzjoni għal dawl dekorattiv tal-Milied li kienet ta' Carl Caruana u tammonta għal €5500 ezkluz VAT.

62.4.2 Din l-offerta ġiet approvata unanimament

**62.5 Kwotazzjoni Cash Collection Services- Aġġudikazzjoni .**

62.5.1 Is- SE Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett offerti li rċieva l-Kunsill fuq kwotazzjoni għal Cash Colletion Services fejn l-irħas offerta kienet ta' Security Services Ltd fejn ir-rata sottomessa kienet ta' € 11.76 eskluz il-VAT kull ġabra.

62.5.2 Il-Kunsill approva l-offerta kwotata minn Security Service Ltd li kienet l-irħas offerta.

62.5.3 Għaldaqstant is- Sindku ressaq mozzjoni biex inkunu nistgħu ninfurmaw lil Bank bis-servizzi ġodda li ser jbdew jingħataw lil Kunsill, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Maryann Sultana, bi qbil unanimu mill- Kunsilliera kollha preżenti.

**62.6 Sejħa għal Servizzi ta' Handyman mal-Kunsill MLC 02/2023- Aġġudikazzjoni**

62.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport mħejji mill-Bord ta' Evalwazzjoni fir-rigward tas- sejħa ta' offerti għal servizzi ta' Handyman għal kunsiderazzjoni u approvazzjoni tiegħu. Min dan ir-rapport irrizulta li l-irħas offerta kienet ta' F & M għas-somma ta' € 9125.

62.6.1 Il-Kunsill approva unanimament r-rapport u l-offerta mitfugħa minn F & M.

**62.7 Manutenzjoni tal-playground l-ġdid**

62.7.1 Is- SE ressaq għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill proposta ta' manutenzjoni minn Gokker Ltd għal manutenzjoni u rapport ta' kull xahar għal ħarsien tal-playground li jinsab barra l-Mdina u li kien sar kompletament ġdid b'fondi maħruġa mill-Ministeru ta' Xogħolijiet Pubbliċi u Ppjannar.

62.7.2 Is- Sindku xtaq jikkonferma jekk dan il-proġett sarx mill-istess kumpanija li kienet rebhet is-sejħa għal dan il-proġett tal-Playground. Is- SE ikkonferma dan.

62.7.2 Is- Sindku kien tal-fehma li din il-proposta għandha tiġi approvata għar-raġunijiet ovvji fosthom li din il-kumpanija taf ezattament kif zvolġa dan il-proġett u li teknikament hija l-aktar kumpanija kompetenti li tista' tħares u zzomm dan il-playground fi stat tajjeb. Huwa fakkar li għal dan il-playground ġdid fjamant intefqu 'l fuq minn zewġ miljun ewro mill-Ministeru u bħala Kunsill għandna d-dover li nzommuh fi stat tajjeb apparti s-sigurta' u s-saħħa ta' eluf ta' nies li jzuru dan il-playground is-sena kollha.

62.7.3 Il-Kunsill approva unanimament il-proposta ta' Gokker Ltd

**62.8 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

62.8.1 Is- SE infurma lil Kunsill li reġa wasal it-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill u li għal dan il-għan bgħat għal tlett kwotazzjonijiet.

62.8.1.1 Is- SE qal li din il-polza tiskadi fl-aħħar ta' Ottubru u għalhekk talab jistax peress li l-laqgħa li jmiss ssir f' Novembru, la darba jkollu f'idejħ dawn il-kwotazzjonijiet għaliex għalissa kull ma bgħatu kienet kumpanija waħda imur għal irħas offerta. Il-Kunsill approva din it-talba.

62.8.2 AKL- Skemi ta' Parkeġġ. Il-Kunsill ha nota ta' dan.

62.8.3 Is- SE infurma lil Kunsill mingħand il-Jobsplus lista ta' persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol u li jistgħu jkunu eleġibbli biex jattendu l-intervista għal Skrivan Skala 15 mal-Kunsill ta' L-Mdina. Dawk interessati għandhom sal-22 ta' Ottubru biex japplikaw.

62.8.4 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjoni tal-kuntrattur tal-Kunsill biex Triq il-Hemsija li tagħmel parti mill-konfini ta' l-Mdina isir xogħol ta' qtugħ ta' haxix u tindif kif ukoll ġarr ta' imbarazz li jinsab f'din it-triq għas-somma ta' €702. Il-Kunsill approva.

62.8.5 Arċikonfraternita' ta' San Guzepp – Invit lil Kunsill biex jattendu għal tifkira tal-vittmi rabtin li mietu matul it-tieni gwerra dinija. Il-Kunsill ħa nota u ser jattendi.

62.8.6 Il-SE infurma lil Kunsill li b'rabta mal-Finanzjament għal Xogħolijiet Pubbliċi li kien ħareġ id- Dipartiment għal Gvern Lokali kien bgħat jinfurma lid- Direttur għal Implimentazzjoni ta' Strateġija u Policy nhar l-Erbgħa 27 ta' Settembru 2023 li minħabba r-raġunijiet msemmija f'din l-email bħala Kunsill tlabna li d-data ta' l-għeluq għal din l-iskema tingħata lil- Kunsill estensjoni taz-zmien li kellha tagħlaq il-Ġimgha 27ta' Ottubru 2023. Is- SE qal li sfortunatament sa' lum għadu ma rċeviex risposta.

**62.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

62.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 16 ta' Ottubru 2023 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 13,811.92

62.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**62.10 Tmiem tal- Laqgħa**

62.10.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 4.38pm u ġiet aġġornata għas-13 ta' Novembru 2023 fit-3pm



______________________

Peter Sant Manduca
Sindku



____________________

Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data:___13 ta'Novembru 2023__